MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 719/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

**Ivan Galea**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ivan Galea ta' 33 sena, iben David u Maria Assunta nee Vella, imwieled fil-5 t'Ottubur 1974 tal-Pieta' u resienti 103 Flat 5 Block A Triq San Nikola Valletta ID 500774 (M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar is-26 t’Awwissu 2007 għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart ta’ wara nofs in-nhar (14.45 hrs) ġewwa Pjazza Qalb ta’ Ġesu’ San Ġiljan:

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb kontra PC 340 L Balzan Engerer persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita’ kompetenti;

2. Inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PC 340 L.Balzan Engerer, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-ervizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. Ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-ġisem ta’ PC 340 L.Balzan Engerer;

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe’ vettura tal-marka Ford Ka bin-numru tar-reġistrazzjoni GBG091 liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira Maltija ;

5. Volontarjament ksier il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’għajjat u ġlied;

6. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ PC 340 L.Balzan Engerer, persuna inkarigata minn servizz pubbliku jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b’mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijietu billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b’liġi jkun ordnat jew jista’ jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi jew b’xi mod ieħor;

7. F’lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b’mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

8. U aktar tali rrenda ruħu reċidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat (fol 4 sa 16), iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu (5007 tal-1974), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-Imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 18 u 19), l-ammissjoni tal-imputat irreġistrata fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2007 liema ammissjoni l-imputat ikkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha, il-ħatra ta' Probation Officer, iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Poliklinika (fol 27), l-istqarrija tal-imputat, ir-riċevuti a fol 30, is-sentenzi a fol 33, 42, 44(probation), u 46 (piena ta' priġunerija 6 ta' Ġunju 2003) u r-rapport tal-Probation Officer (9 ta' April 2008).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Skond il-Prosekuzzjoni l-imputat kien aggredixxa lill-PC 340 Leroy Balzan Engerer meta dan kien jasisti mara li talbat l-intervent tal-Pulizija għaliex kien hemm raġel qiegħed iħabbat mal-karozza tagħha u kkawżala xi ħsarat.

Kif il-Pulizija resaq biex jagħti l-għajnuna, l-imputat tah daqqa ta' ponn fuq għonqu u l-Pulizija kellu jittieħed il-Poliklinika tal-Gżira. Sidt il-karozza kienet ġabet żewġ riċevuti tal-ħsarat li saru mill-imputat li flimkien itellgħu s-somma tal-ħsarat għal Lm70 u Lm88.50.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kien baqa' jixrob għal ħafna sigħat. Imbagħad huwa kien jaf biss li l-Pulizija ħaduh l-għassa. Lanqas kien jaf li ta daqqa ta' ponn lill-Pulizija.

It-Tabib Bjorn Buhagiar ikkonferma ċ-ċertifikat esibit u qal li meta eżamina lill-vittma, kien sablu nefħa fuq għonqu u ħmura.

Ix-xhud Rebecca Burr xehdet li għarfet lill-imputat u kkonfermat li l-karozza kienet 'head butted' mill-imputat. L-istima kienet ta' Lm89 ħsara.

Xehed ukoll il-Probation Officer John testa. Dan qal li l-imputat ma tantx wera attitudni pożittiva biex isegwi programm ta' riabilitazzjoni minkejja li l-Qrati kienu tawh diversi ċansijiet.

Fl-4 ta' Frar 2009, xehdet il-Probation Officer Carmen Nygaard li qalet li l-imputat issa kien ilu 5 xhur isegwi programm (fol 66).

Fis-6 ta' Mejju 2009 xehdet is-social worker Connie Fenech u qalet li l-imputat kien sar bniedem motivat u kien persuna kreattiva ħafna.

L-Uffiċjal Prosekutur irremetta ruħu għall-provi.

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h) 96(a), 95 (1), 221(1), 325(1)(b), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero' li l-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-sitt imputazzjoni huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni.

Fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena, l-Qorti qed tqis li

(a) l-imputat kien għamel ammissjoni bikrija (għalkemm kellu jgħaddi ż-żmien biex isiru r-rapporti mill-Probation Officers), u

(b) ir-rapporti pożittivi tal-Probation Officer Carmen Nygaard u tas-social worker Connie Fenech li wrew li l-imputat inbidel minn persuna bla ebda mottiv għal waħda li segwiet programm ta' riabilitazzjoni.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis li l-imputat huwa reċidiv, li għandu fedina penali b'diversi paġni, li m'hemm ebda assorbiment bejn it-tieni, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni għalkemm japplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 u li l-imputat

aggredixxa Pulizija għal xejn b'xejn. Il-fatt li l-imputat kien xurban ma jeżonerahx mill-ħtija għaliex id-difiża kontemplata fl-artikolu 34 tal-Kap 9 ma tapplikax għalih. Ex admissis (ara l-istqarrija) hu kien għażel li jixrob u mhux sfurzah ħadd ieħor.

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset il-punti importanti kollha, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' ammenda ta' €58.25.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------